IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru33 (tlieta u tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar, 2021, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**33.1. Item Nru 33.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

33.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.20pm u kulħadd kien preżenti.

**33.2. Item Nru. 33.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.2.1. il-Minuti tal-laqgħa 29, 30 u 31 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm din il-korrezzjoni:

Minuti 29:

Is-Sa. Rosabelle Pulis bdiet biex staqsiet biex nindikaw fejn eżatt il-Perit qal li l-għoli qiegħed tajjeb?

Is-Sindku qal li dan kien qalu fil-laqgħa meta ltqajna miegħu fil-Kunsill u Raymond Camilleri ikkonferma wkoll għaliex saqsijielu hu stess u Rosabelle kienet preżenti. Hi qalet li ma jidriliex li qal li tajjeb u għandha titneħħa pero ma kienx hemm qbil li titneħħa.

IX-XGHAJRA

Punt ieħor Rosabelle qalet li għandu jiżdied ukoll li Raymond Camilleri qal li hu jaqbel mal-mini towers. U Raymond qal li hu kien qal li jaqbel mal-FAR opinjoni tiegħu u allura minn tnejn ħżiena jaqbel mal-FAR u aħna ma għandnix id-deċiżjoni f'idejna.

Is-Sa. Pulis qalet li hi tixtieq li ma titnizzilx li hi "tkellmet ma' xi nies pero jixtiequ aktar informazzjoni." għaliex kulħadd kien qal li tkellem ma' xi nies.

Is-Sa. Doris Borg qalet li flok is-Sur "Raymond Caruana" trid tiġi "Raymond Camilleri".

Is-Sa. Pulis qalet li importanti li tiżdied li s-Sindku kien qal ukoll li l-ittra tintbgħat xorta jekk issir il-laqgħa bil-miżuri tal-covid. Is-Sindku qal li l-ittra konna qbilna bħala maġġoranza li noħorġuha u ukoll staqsiha jekk tiftakarx li talbet studio flat għal Kunsill ukoll u s-Sa. Pulis baqet tinnega u qalet li bdiet tistaqsi li bħala planning gains nistgħu niggwadanjaw xi ħaġa f' dak il-każ.

Is-Sa. Borg qalet li hi fil-laqgħa tal-iżviluppaturi ma kienetx preżenti u laħqet qaltilhom biss biex għaliex ma jmorrux bl-informazzjoni għand ir-residenti.

Is-Sa. Borg qalet ukoll li l-aħħar paragrafu kienet issemmiet li tintbgħat ukoll ittra li ifformulata hi stess. Ir-residenti kellhom id-dritt li jkunu infurmati.

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-minuti 29 ġew approvati.

Minuti 30

Is-Sa. Rosabelle qalet li fit-tieni paġna l-ewwel paragrafu jiżdied ukoll "Għalhekk ma taqbilx li tintbgħat l-ittra fejn il-Kunsill ma jibqax bħala objector"

Is-Sa Pulis qalet li fit-tieni paġna r-raba' paragrafu tiġi "u" flok "jew". Fl-istess paragrafu qalet li flok "xi ħaġa hekk" tiġi "xi ħaġa li ma għandiex informazzjoni tagħha"

flok "u allura ser tastjeni." issir "ghax il main concern tagħha hu li nitkellmu mar-residenti qabel tasal għal deċiżjoni"

flok il paragrafu "Is-Sa. Rosabelle qalet li l-Kunsill kien diga qabel li nibgħatu l-ittra mil-Kunsill lir-residenti imbgħad nitolbu għal *consultation meeting* issa jekk il-*consultation meeting* ma jistax isir hi tixtieq li l-ittra lir-residenti xorta tintbgħat.

Isir " Is-Sa. Rosabelle qalet li l-Kunsill kien diga qabel li nibgħatu l-ittra mil-Kunsill lir-residenti imbgħad nitolbu għal *consultation meeting u* jekk il-*consultation meeting* ma jistax isir hi tixtieq li l-ittra lir-residenti xorta tintbgħat fejn jigu nfurmati dwar il progett u meta ha jsir il- consultation meeting jekk dan il-qbil ġie rifjutat tixtieq li li ittra lir-residenti xorta tintbgħat u l-meeting isir ix-Xghajra fejn ikun hemm preżenti ir-residenti"

Fl-aħħar paragrafu li hemm Hi u Doris astjenew hi qalet li huma qatt ma astjenew għaliex il-*main concern* kien li jitkellmu mar-residenti. U ma kienx hemm qbil fuq din għaliex is-Sindku qal li hi astjeniet.

Doris qalet li l-mistoqsija kif giet impoggija lanqas kellha ssir biex nagħtu l-opinjoni tagħna għaliex aħna skond ls-Sinjura borg kienet għada u tibqa għar resident u fl-ebda mument ma astjeniet.

Is-Sindku qal li ma approvajna l-ebda progett u hija l-Planning Authority li tiddeċiedi.

Sospensjoni ta' Item 33.2 fuq l-Agenda

**33.3 Item Nru. 33.3 fuq l-Aġenda** - Komunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 Is-Sindku Neil Attard qal li fuq il-jogging track ghandna adisposizzjoni 1,050,000. Hu tkellem mal-Ministru Clyde Caruana u dan qallu li ser jgħinha fih u l-proġett isir mil-Gvern. L-istess ħaġa dwar ir-railing tax-Xatt. Il-Ministru Caruana talabna l-BOQs sabiex ikunu jistgħu jipproċedu bit-tenders minn naħa ta' Infrastruttura Malta.

33.3.2 Is-Sindku qal li l-WSC bagħtu draft Agreement dwar il-fondi li ser jgħaddu lil Kunsill biex jgħinu l-komunita. Biex infakkar il-Kunsill kien iltaqa' mas-CEO ta' WSC fejn sar ftehim li jibdew jiġu mgħoddija l-ammont ta' €10,000 fis-sena bħala għajnuna lil komunita tax-Xgħajra. Il-Kunsill qabel li nipproċedu b'dan il-ftehim.

Il-Kunsill iddiskuta fejn jistgħu jintefqu dawn il-fondi u sar qbil li bihom ngħinu wkoll l-għaqdiet billi nikkollaboraw f'ċertu inizzjattivi.

33.3.3 Is-Sindku qal li l-Perit Bezzin bagħtilna l-istima ta' kirja tas-sala ta' taħt il-bandli. Huwa evalwa l-istat preżenti tagħha u ta stima ta' €100 kuljum. Il-Kunsill beda jiddiskuti u

IX-XGHAJRA

ftiehem li nibdew din il-concession bl-ammont ta' mhux inqas minn €2,500 fix-xahar. Għalhekk ser jibda l-proċess mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tinħareġ din is-sejħa għal gym/ multipurpose sport centre. Sar qbil li jkun hemm imniżżel ukoll discount lir-residenti tax-Xgħajra.

33.3.4 Is-Sindku qal li l-proġett tal-*pitch* tal-boċċi jinsab fl-istadju tal-permess mil-Planning Authority.

33.3.5 Is-Sindku qal li hemm applikazzjoni ta' żvilupp in-naħa ta' Triq il-Grottli u din tinsab fuq ODZ. Il-Kunsill qabel li ssir l-oġġezzjoni mil-Kunsill.

33.3.6 Is-Sindku qal li dwar il-biċċa soft area ta' Dawret ix-Xatt fejn Triq iċ-Ċern hemm stima li ser tiġi tiswa madwar €8,900 pero ser jitnaqqsu l-bankijiet ghaliex huma għoljin ħafna u ser tiġi tiswa bejn wieħed u ieħor €4,800. Kulħadd qabel.

33.3.7 Is-Sindku qal li dwar il-bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja nibdlu l-bandla li tinsab imqatta u ser tinbidel. Apparti hekk nagħmlu nota li hemm periklu.

33.3.8 Is-Sindku qal li qed jipprova jġib aktar informazzjoni fuq possibilta li jsir water park in-naħa tal-Milord għat-3 xhur tas-Sajf fejn ikun hemm ukoll life guard biex jiggwida. Ma kienx hemm oġġezzjoni fuq l-idea u ser naraw iktar x' tinvolvi bħala spejjez u permessi.

Hu qal li dan jiswa madwar €15,000 u jintużaw il-fondi tad-Development Funds.

Is-Sur Raymond Camilleri staqsa kif nistgħu nagħmlu biex nirranġaw il-banju. Is-Sur Valvo qal li nistgħu inħajru lil min ħa t-tender tal-Milord biex jirranġaħ hu. Kulħadd qabel għaliex huwa ta' interess għalih ukoll.

Kontinwazzjoni ta' Minuta 33.2 minn l-Aġenda

korrezzjoni tal-Minuti 30

Is-Sa. Borg qalet li fit-tielet paġna l-ewwel paragrafu jekk l-affarijiet jaħsbu li qedin tant tajjeb ghaliex ma gewx jiddiskutu mar-residenti.

Fl-istess paġna ir-raba paragrafu qalet li mhux kontra l-ebda zvilupp li hu pjanat sew u skond il-liġi

Dwar l-astenzjoni qalet ma taghmilx sens ghaliex fuq xiex? Hi qalet li mil-bidu li ma nistgħu nieħdu deċiżjoni qabel ma nitkellmu mar-residenti. Rosabelle qalet li hi l-istess. Doris qalet li hi ma tat l-ebda deċiżjoni għaliex il-mistoqsija ma kellix tiġi imposta fuqna. Hi qalet il-mistoqsija ma' kienetx valida.

Rosabelle qalet li hi l-concern taghha li kien li nitkellmu mar-residenti qabel tittieħed deċiżjoni. Is-Sindku staqsiha x'deċizjoni hi?

Hi qalet li tkellmet mas-Sur Mario Fava dwar is-suġġett u qallha li rridu mmorru l-Planning Authority u naraw x'hemm u x'mhemmx.

Is-Sa. Borg riedet li titniżżel ukoll dikjarazzjoni hekk:

Is-Sa. Borg kienet għada u tibqa l vuci tar-resident li għandu kull dritt li ikun jaf x qed isir fir-raħal tiegħu u l-kunsill għandu l-obbligu skond il-ligi li jaħdem fl-interess tar-resident.

Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill jasal biex jivvota bil-maġġoranza kif inhi l-liġi Maltija.

Rosabelle qalet li b'referenza għal laqgħa li saret mar-residenti fejn hemm urew biċ-ċar li qablu unanimament li ma jridux it-torrijiet. Tista tispjegali x'inhi l-way forward. Is-Sindku qal m'għandux risposta hu imma dik f'idejn il-Planning Authority.

Wara li saru dawk it tibdil u korrezzjonijiet il-minuti gew approvati pero l-aħħar minuta tal-astenzjoni kien hemm 3 favur u 2 kontra.

Minuti 31

Ma kien hemm korrezzjoni fuqhom.

**33.4 Item Nru 33.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

33.4.1 Il-Mistoqsijiet saru aktar kmieni.

**33.5 Item Nru. 33.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

33.5.1 Ir-rapport ser jiġi approvat f'laqgħa oħra.

**33.6 Item Nru. 33.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

33.6.1 L-items l-oħra ġew mitkellma aktar il-quddiem.

IX-XGHAJRA

**33.7 Item Nru. 33.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

33.7.1 Pagamenti b'numru 101 ġew approvati unanimament.

Kien hemm talba għal awtorizzazzjoni fuq reklam ta' kalendarju tax-Xgħajra Tornados. Sar qbil ukoll li jitħallas.

**33.8 Item Nru. 33.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

33.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**33.9 Item Nru. 33.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm

Aġġornament għal-nhar l-25 ta' Marzu, 2021

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xghajra – Xghajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xghajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693339
E-Mail xghajra.lc@gov.mt